# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 17 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 26.
Citazz. Nru. 1725/00 JRM

**LADA MOTORS LIMITED**

**vs**

**Jackson BIRD**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li biha is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf, u tletin liri maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,030.81) import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "18";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tletin liri maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,030.81) import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'mija u tmienja u sebghin liri maltin (Lm178) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Semghet lill-konvenut li ammetta t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' tmien mija tnejn u hamsin liri maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm852.81) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

*17 ta' Mejju, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Mejju, 2001.**